**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 26 ta' Settembru 2023**

**Rikors Nru. 17/2021 GM**

**Reuben Zammit Saliba Toledo (K.I. 240988M) f'ismu proprju**

**u għan-nom tal-Minuri Bintu Hope Zammit Salib Toledo**

**u b'digriet tal-14 ta' Frar 2022 l-isem "Hope Zammit Salib Toledo"**

**għandu jaqra "Hope Zammit Saliba Toledo"**

**vs**

**Avukat tal-Istat u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2022 ġiet kjamata fil-kawża mart ir-rikorrent Glorianne Zammit Saliba Toledo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Reuben Zammit Saliba f'ismu propju, kif ukoll għan-nom tal-minuri bintu Hope Zammit Saliba Toledo li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Ir-rikorrenti preżentement qiegħed fil-mori ta' kawża ta' separazzjoni kontra martu fil-kawża fl-ismijiet Glorianne Zammit Saliba Toledo vs. Reuben Zammit Saliba Toledo (Kawża numru 144/2019). Il-partijiet huma wkoll il-ġenituri tal-minuri Hope Zammit Saliba Toledo, li għandha l-eta’ ta' sentejn u nofs.

2. L-ewwel seduta tal-Kawża 144/2019 saret fit-30 ta' Lulju 2019 u dan skont il-verbal anness u mmarkat bħala 'Dok.A'. Iż-żewġ partijiet kienu preżenti għal din is-seduta.

3. It-tieni seduta saret fit-3 ta' Ottubru 2019. Waqt din is-seduta l-Qorti innominat assistent ġudizzjarju u l-Qorti iddiferiet il-kawża għat-8 ta' Novembru 2019. Kopja tal-verbal huwa anness u mmarkat bħala 'Dok.B'. Il-kawża kienet differita għall-provi tal-omm attriċi.

4. Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2019 dehret biss l-omm attriċi. Il-missier rikorrenti (intimat fil-Kawża 114/19) ma kienx preżenti għal din is-seduta. Kopja tal-verbal anness u mmarkat bħala 'Dok C'. Il-Qorti ddeferiet il-kawża għat-23 ta' Jannar 2020. Fil-frattempt l-attur kien qiegħed jipprepara sabiex isiru s-seduti quddiem l-assistent ġudizzjarju maħtur mill-Qorti tal-Familja.

5. Fl-20 ta' Novembru 2019 l-attriċi Glorianne Zammit Saliba Toledo ppreżentat rikors fejn (wara li għamlet bosta allegazzjonijiet mhux veritjieri) hija allegat li l-missier kien qiegħed kapriċjożament jivvittimizza lil omm billi wara l-ħin tal-aċċess huwa mar bil-minuri Hope fl-għassa tal-pulizija minflok id-dar tal-omm. Għalhekk l-omm talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex:

*" ..,id-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu 2019...... għandu jinftiehem illi l-intimat għandu jmur jiġbor lill-minuri mir-residenzna tal-omm u jirritornaha fl-istess residenza meta jispiċċa l-ħin tal-aċċess."*

6. Kif ser jiġi pprovat, ir-rikors tal-omm datat l-20 ta' Novembru 2019 jikkontjeni bosta gideb. Inoltre dak ir-rikors qabad il-fatt li l-missier ha lil minuri l-għassa tal-pulizija x'ħin spiċċa l-aċċess barra mill-kuntest tiegħu.

7. Filwaqt li huwa minnu li l-missier ħa lill-minuri l-għassa tal-pulizija x'ħin spiċċa l-aċċess, il-missier għamel hekk għaliex qabel l-omm kienet għamlet rapport mal-pulizija għaliex huwa ma ġabx lura l-minuri d-dar tal-omm fil-ħin.

8. Peress li fid-digriet ma kienx hemm imniżżel min huwa u jwassal lill-minuri qabel u wara l-aċċess il-missier ma kellu l-ebda obbligu li joqgħod jiġri ma' Malta kollha jwassal lill-minuri lura fejn 1-omm għoġobha li tmur tirrisjiedi.

9. Wieħed jrid jieħu konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-omm kienet marret tgħix ‘il bogħod (il-Baħrija) u l-missier bl-obbligu li jiġbor u jwassal lura wkoll lill-minuri għand l-omm, kien qiegħed jispiċċa jqatta' sigħat sħaħ kull darba 1i jrid jeżerċita l-aċċess! Dan kollu biex ikollu dritt iqatta' ħin ma' bintu! Effettivament dan kien qiegħed jiekol mill-ftit ħin li l-missier kien ikollu ċans ikun ma' bintu Hope.

10. Intant il-missier kellu eventwalment jixtri karavann u jħallih qrib d-dar tal-omm biex jqatta’ ftit iktar ħin ta' kwalita’ ma' bintu. Ritratt tal-karavann huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok.D'.

11. Sas-seduta datata 23 ta' Jannar 2020 il-missier rikorrenti (intimat fil-Kawża 144/2019) kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors tal-omm datat l-20 ta' Novembru 2019.

12. Waqt is-seduta datata 23 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Familja, minkejja li r-rikorrenti ma kienx preżenti għas-seduta u lanqas biss kien ġie notifikat bir-rikors tal-omm datat l-20 ta' Novembru 2019, il-Qorti dehrilha u fil-fatt iddeċidiet sua sponte u mingħajr l-ebda talba f'dak is-sens, li l-aċċess mill-missier mal-minuri għandu jkun sospiż. Kopja tal-verbal huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok.E'.

13. Min kif jirriżulta mill-istess verbal tas-seduta datata tat-23 ta' Jannar 2020. lanqas biss saret talba mill-omm attriċi (Glorianne Zammit Saliba Toledo) sabiex l-aċċess jkun sospiż, imma l-Qorti tal-Familja, wara li kkunsidrat ir-rikors, iddeċidiet li l-aċċess bejn il-missier u l-minuri bintu Hope kellu jkun sospiż.

14. Ir-rikorrenti kien notifikat li l-aċċess tiegħu kien ġie hekk sospiż permezz ta' Short Message Service (S.M.S) mibgħut lilu minn l-omm (l-attriċi fil-Kawża 144/2019), Malli r-rikorrenti rċieva dan il-messaġġ huwa kellem lill-avukat tiegħu li fil-pront mar jivverifika l-proċess tal-Qorti.

15. Peress li l-Qorti kienet issospendietlu l-aċċess sempliċiment għaliex kien ġie ppreżentat rikors mill-omm jitlob lill-Oorti sabiex il-missier jirritorna lura l-minuri r-residenza tal-omm (u xejn aktar), il-missier rikorrenti ħassu kostrett jaċċetta dik it-talba tal-omm kemm-il darba huwa ried jerġa' jistabbilixxi aċċess għal ma' bintu.

16. Rilevanti jingħad li x'ħin sar jaf b'dak kollu ħassu imbeżża’ peress li kien diġa’ għadda minn serje ta' proċeduri fil-Qorti tal-Familja sabiex jieħu lura l-aċċess lil bintu Hope numru ta' xhur qabel. Dan għaliex meta l-omm telqet mid-dar hija kienet ħatfet il-minuri mid-dar matrimonjali u kienet irreżistiet l-aċċess mal-missier. Kien biss wara kruċjata fil-Qorti tal-Familja li l-missier ingħata aċċess lura għal bintu.

l7. Kif jirriżulta mill-verbal datat it-23 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Familja immotivat id-deċiżjoni tagħha bis-segwenti:

*"Il-Qorti, tissospendi l-aċċess tal-minuri favur il-konvenut, u dan peress illi r-rikors tal-attriċi għadu mhux notifikat lill-istess konvenut, u peress illi l-konvenut naqas milli jidher fl-aħħar seduta, u għas-seduta tal-lum."*

18. Ir-rikorrenti ppreżenta rikors dakinhar stess tas-seduta datata t-23 ta' Jannar 2020 fejn talab li l-Qorti contrario imperio tirrevoka d-digriet tagħha stante li dak allegat mill-omm fir-rikors tagħha tal-20 ta' Novembru 2019 ma kienx veritjier u inoltre l-missier obbliga ruħhu (effettivament kien kostrett) li jmur jwassal lura lill-minuri d-dar tal-omm - biex b'hekk huwa seta' jerġa' jibda jara' lil bintu. Kopja ta' dan ir-rikors

huwa anness u mmarkat bħala 'Dok.F'. Jiem wara, permezz ta' nota datata t-28 ta' Jannar 2020 il-missier ippreżenta dokumentazzjoni in sostenn tar-rikors tiegħu datat it-23 ta' Jannar 2020 li jxejjen dak allegat mill-omm fir-rikors tagħha datat l-20 ta' Novembru 2019. Kopja tan-nota datata 28 ta' Jannar 2020 hija hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok.G'.

19. Sussegwentement l-omm ippreżentat risposta għar-rikors tal-missier rikorrenti datata s-17 ta' Frar 2020, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkat bħala' Dok.H'.

20. Wara li rat ir-rikors tal-missier u r-risposta tal-omm datata s-17 ta' Frar 2020, il-Qorti, permezz ta' digriet datat l-20 ta' Frar 2020 għoġobha li tirriżerva li tipprovdi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020.

21. Permezz ta' digriet kamerali datat il-5 ta' Marzu 2020, il-Qorti għoġobha tirrestitwixxi l-aċċess għall-missier rikorrenti għal bintu Hope. Kopja ta' dan id-digriet huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok.I'.

22. Fl-isfond tal-fatti su-riferiti r-rikorrenti l-esponenti kien konstrett jaċċetta l-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-omm attriċi fil-Kawża 114/2019, jiġifieri illi sabiex ikun jista' jerġa' jibda jeżerċita l-aċċess u jara lil bintu stess, mhux biss irid jmur jiġbor lit-tifla, imma huwa wkoll kellu jobbliga ruħu li jwassalha lura għand ommha sabiex huwa jkompli (jerġa' jibda) jeżerċita l-aċċess tiegħu.

23. Filwaqt li r-rikorrenti jagħmel referenza għall-fatti suesposti huwa jsostni li l-Qorti tal-Familja illedietlu s-segwenti drittijiet fundamentali.

## I. Id-Dritt ghal Smigħ xieraq (Nuqqas ta' audi alteram partem)

24. Ir-rikorrenti jħoss ruħu aggravat bil-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Familja għoġobha tiddeċiedi fuq it-talbiet li saru mill-attriċi fil-Kawża 114/2A19 permezz tar-rikors datat l-20 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess ma' bintu meta huwa ma kienx notifikat bl-istess rikors. Huwa jħoss li dan imur kontra d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq li jinsab sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostruzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan peress li huwa ma pparteċipax fil-proċedura li waslet għad-deċiżjoni li jitwaqqaf l-aċċess tal-missier u għalhekk kien hemm ksur tal-prinċipju tal-sudi alteram partem.

Ir-rikorrenti jibda biex ifakkar illi l-prinċipju audi alteram partem huwa dritt bażillari li ġie deskritt fis-sentenza Ridge vs Baldwin bħala a "rule of universal application". Dan il-prinċipju kienet ukoll deskritta mirur Lord Loreburn bħala "a duty lying upon everyone who decides anything". Filwaqt li r-rikorrenti jagħmel referenza għall-kawżi Edgar Publio Bonnici Cachia vs. Avukat Ġenerali, Stephen Galea vs Frans Farrugia et. Kharchenko vs. Ukraine u Ozgur Keskin vs. Turkey, huwa jsostni li qabel il-Qorti tal-Familja ma setgħet tasal għad-deċiżjoni tagħha datata t-23 ta' Jannar 2020, hija kellha tagħti lill-missier rikorrenti l-opportunita' li jirrispondi għal

dak kollu li nġieb kontrih quddiem dik l-awtorita’ ġudizzjarja, u għall-inqas, tiżgura li huwa jiġi notifikat bir-rikors promotur.

**II. Id-deċiżjoni kienet ulra petita**

25. Ir-rikorrenti huwa agravat bil-fatt li d-deċiżjoni datata t-23 ta' Jannar 2020 kienet waħda ultra petita, u dan għaliex ma saret l-ebda talba sabiex jkun hemm is-sospensjoni u l-waqfien tal-aċċess bejn il-missier u bintu. L-omm stess qatt ma talbet dan!

26. Għalkemm l-omm lanqas biss talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex tissospendi l-aċċess għall-missier hija ma kellhiex problemi teżegwixxi dik is-sentenza u tiċħad l-aċċess sakemm il-Qorti reġgħet awtorizzat illi jkun hemm l-aċċess;

27. Minħabba f'hekk ir-rikorrenti jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Qorti sureferita u huwa tal-fehma li din tilledi l-Artikolu 6 tal-Korrvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet-tal-Bniedem kif ukol1 tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**III. Ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Esponenti kif protetti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, Twaqqif tal-aċċess u dewmien mill-Qorti biex jingħata lura l-aċċess.**

28. Minn dak kollu hawn fuq riportat huwa ċar li qiegħed jiġi leż ukoll id-dritt tal-esponent hekk kif sanċit taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

29. Dan l-Artikolu jgħid hekk:

**Right to respect for private and family life**

*1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.*

*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others. – emfażi tal-esponent.*

30. L-esponenti reġa’ ingħata aċċess lura ma' bintu sitt (6) gimgħat wara li l-Qorti ċaħħditlu l-aċċess permezz tad-digriet datat it-23 ta' Jannar 2020. Dan minkejja li

dakinhar stess ir-rikorrenti kien ippreżenta rikors lill-Qorti tal-Familja kif hawn fuq premess fejn permezz tiegħu huwa aċċeda u aċċetta għat-talbiet attriċi (ossia li jwassal lura l-minuri d-dar tal-omm). Minkejja dan kollu l-Qorti tal-Familja xorta waħda għoġobha tħalli lil missier mingħajr aċċess għal bintu għal sitt (6) ġimgħat sħaħ.

Kif intqal fis-sentenzi Gnahore v. France, Iansen v. Norway u f'bosta kawżi oħra, il-kuntatt u/jew l-aċċess bejn il-ġenituri u t-tfal għandu jiċċaħħad biss f'kawżi eċċezzjonali imma meta dan isir, il-Qorti għandha tagħmel dak kollu sabiex tippreserva l-kuntatt bejn il-ġenituri. Fil-każ in eżami l-Qorti tal-Familja ma għamlet xejn minn dan u ħalliet ir-rikors tar-rikorrenti jistenna sas-seduta li jmiss, meta din kienet kwistjoni urġenti. B'hekk huwa kien mċaħħad mill-aċċess ma' bintu għal sitt (6) ġimgħat sħaħ.

Inoltre, il-mod kif il-missier tneħħielu l-aċċess ma' bintu mhux kompatibbli mal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mal-każistika tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilita bil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-4 ta' Novembru 1950, fuq l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni.

## Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1) Tisma', taqta' u tiddeċiedi din il-kawża b'urġenza;

2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi bid-deċiżjoni datata 23 ta' Jannar 2020 il-Qorti tal-Familja kisret id-dritt fondamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ossia d-dritt għal-smigħ xieraq u dan meta, mingħajr ma kien innotifikat b'talba kontra tiegħu jew wisq anqas ingħata l-opportunita' irrispondi għaliha hija ħadet deċiżjoni li ippreġudikat id-drittijiet tiegħu mingħajr ma tagħtu ċans illi jagħmel il-każ tiegħu.

3) Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-deċiżjoni tagħha datata 23 ta' Jannar 2020, kienet deċiżjoni wkoll ultra petita u li l-Qorti kisret id-dritt għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta flimkien mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

4) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Qorti tal-Familja kisret id-dritt taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana meta hija isseverat l-aċċess bejn il-missier u l-minuri u dan meta ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellu l-ħtieġa li jkun imwaqqaf tali aċċess.

5) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Qorti tal-Familja kisret id-dritt tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tai-Bniedem u kif ukoll tal-Artikolu 8 tal-

Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana meta hija għal sitt (6) ġimgħat sħaħ damet sabiex tiddeċiedi fuq rikors sabiex il-missier jkollu aċċess ma' bintu u dan meta hija ġurisprudenza stabbilita illi meta Qorti ċċaħħad l-aċċess, dan għandu jkun għall-iqsar perjodu possibbli.

6) Tiddikjara u tiddeċiedi illi permezz tad-deċiżjoni tagħha datata 23 ta' Jannar 2020 l-ewwel Onorabbli Qorti ħolqot żbilanċ fil-proċeduri, fis-sens, illi r-rikorrenti (intimat tal-kawża 114/2019) kien kostrett jaċċetta dak mitlub mill-Omm minn u dana stante li malli rat ir-rikors tal-omm attriċi (fil-Kawża 114/2019) il-Qorti kkastigat lil missier billi ċaħditlu l-aċċess u dan wara li lanqas biss tagħtu ċans jirrispondi għall-istess rikors tal-attriċi u ma saret l-ebda talba sabiex il-Qorti tiċħad l-aċċess mill-missier għall-minuri.

7) Fil-każ illi tilqa' waħda jew aktar mit-talbiet hawn suriferiti, tgħaddi biex tillikwida d-danni u tordna kumpens xieraq.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. L-esponent iqis li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jeżisti l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan kif ser jiġi muri aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

2. Mhix il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssir qorti ta' reviżjoni għal digrieti jew deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji li jmorru oltre d-disposizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Fil-kamp tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) wieħed irid jifhem in-natura straordinarja ta' ċertu ġeneru ta' kawżi, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw tfal minuri f'kawżi fejn il-ġenituri ma jibqgħux flimkien;

4. L-artikolu 47 tal-Kodiċi Ċivili jagħti s-setgħa lill-Qorti tal-Familja li tagħti dawk l-ordnijiet dwar min jieħu ħsieb it-tfal **kif jidhrilha xieraq** u l-liġi teżiġi li meta tkun qed tagħmel hekk, il-Qorti għandha tqis bħala l-iktar konsiderazzjoni importanti **l-ġid ta' 'l ulied**. Għalhekk l-ordnijiet kollha tal-Qorti ġew maħruġa wara li l-Imħallef qies iċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li, **fid-diskrezzjoni u fl-għerf tiegħu ra x'inhu l-aħjar *għall-minuri* f'dak l-istadju**;

5. Sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor bejn il-partijiet, hija prassi li l-ġenitur li jingħata aċċess għat-tfal, imur hu għat-tfal u jwassalhom hu lura f'darhom. Wara kollox, dwar Malta qed nitkellmu u l-ebda ġenitur mhu qed jaqsam kilometri fuq kilometri ta' art biex imur min-naħa għall-oħra tal-pajjiż. Importanti li r-rikorrent iżomm il-perspettiva ta' Malta f'moħħu qabel ma jilmenta u jargumenta li m'għandux "obbligu li joqgħod jiġri ma' Malta kollha jwassal lill-minuri lura fejn l-omm

għoġobha li tmur tirrisjedi" (par.8). Fil-verita' huwa għandu obbligu li jmur u jwassal lura lil bintu kif miftiehem, u jekk ma hemmx post miftiehem, ifisser li huwa jrid imur u jerġa' jwassal lil bintu fejn qed toqgħod u mkien iżjed;

6. L-esponent b'dispjaċir jara li r-rikorrent qed jutilizza proċeduri tant speċjali u straordinarji sabiex iwaqqaf jew konvenjentement itawwal il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja bl-għajta li għax l-imħallef ma tahx żmien sabiex iwieġeb għal rikors, allura kisirlu d-dritt għal smigħ xieraq u li d-deċiżjoni tal-Qorti kienet *ultra petita*;

7. Ir-rikorrent jidher li qed jittanta jaqbad ma' kull tibna iżda din l-Onorabbli Qorti taf sewwa li sabiex id-dritt ta' smigħ xieraq jiġi ddikjarat li kien miksur, huwa xieraq li l-proċeduri jridu jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ, kif ukoll li kull każ irid jiġi kkunsidrat b'mod separat minn oħrajn għaliex kull każ huwa differenti. F'dan il-każ jidher li r-rikorrent jippretendi li l-omm tmur tiġbor hi lit-tifla tagħhom fl-għassa sabiex ma jiħux triq sal-Baħrija. L-esponent jara li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddaħħal bejn il-basla u qoxritha għaliex żgur li postha mhux hemm imma dmirha huwa li tixtarr każijiet li verament jirrigwardaw kwistjonijiet serji u mhux pika bejn koppja u kwistjonijiet li jxaqilbu serjament lejn il-frivolu u l-vessatorju;

8. Għalhekk, id-dritt għal smigħ xieraq jiġi eżaminat fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku; u kull każ għandu jiġi studjat skont il-fattispeċji tiegħu;

9. Xieraq li jiġi enfasizzat li l-Qorti fl-ebda mument ma waqqfet lir-rikorrenti milli jippreżenta rikorsi jew dokumenti oħra u għalhekk ir-rikorrenti ma jistax jilmenta li d-dritt għal smigħ xieraq ġie mittiefes.

10. Mill-fatti posti mir-rikorrenti, l-esponent jinnota li min-naħa tagħha l-Qorti mxiet strettament skont id-dettami tal-Kodiċi Ċivili, u aġixxiet dejjem fl-interess suprem tat-tfal minuri u wara li qieset bir-reqqa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għalhekk m'għandux jirriżulta ksur la tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni rigward id-dritt tar-rikorrenti ta' protezzjoni għar-rispett għall-ħajja familjari; u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Risposta ta' Glorianne Zammit Saliba Toledo li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Preliminarjament jingħad illi l-esponenti m'hijiex il-leġittimu kontradittur u dana stante li hija qatt ma tista' tirrispondi u/jew tinstab responsabbli għal-leżjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti;

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u dwar il-mertu jingħad illi t-talbiet tar-rikorrent mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirriżulta mis-smigħ u trattazzjoni tal-kawża;

3. Ir-rikorrenti qiegħed sfaċċatament jittanta jabbuża minn dawn il-proċeduri straordinarji u solenni u juża l-istess bħala forma t'appell minn digrieti li ingħataw mill-Qorti tal-Familja li kienet propju hi li kellha l-opportunita` tevalwa l-komportament u l-aġir tal-partijiet, u għexet l-iter tal-proċeduri quddiemha. L-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti mhuwiex li tipprovdi funzjoni ta' reviżjoni ta' digrieti mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Familja: dan huwa dak li qed jattenta li jagħmel ir-rikorrent permezz tal-proċeduri odjerni.

***Fatti u mertu***

4. L-Onorabbli tal-Qorti tal-Familja fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020 issospendiet l-aċċess tar-rikorrent versu bintu fid-dawl tas-segwenti fatti:

- Fis-sena 2020, il-minuri Hope kien għad kellha biss sentejn.

- Fl-istadju bikri tal-proċeduri, l-Onorabbli Qorti tal-Familja ordnat illi r-residenza tal-Minuri tkun mal-Omm.

- F'dan il-perjodu, l-aċċess tal-Missier għall-Minuri bintu kien kull nhar ta' Tlieta, Ħamis, Sibt u Ħadd bejn l-4.00pm u s-7.00pm.

- Li kien qed jiġri huwa li r-rikorrent filwaqt li jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-Omm fil-bidu tal-aċċess huwa kien qiegħed jonqos illi jirritornaha fit-tmiem l-aċċess fl-istess residenza. Ir-rikorrent kien jgħid lill-esponenti li huwa għajjien fis-7.00pm u li hija kellha tmur tiġbor lill-Minuri għaliex jekk kien se jkun involut f'xi inċident tat-traffiku bil-Minuri, kienet se tkun responsabilta' tagħha.

- Fid-19 ta' Novembru 2021, ir-rikorrent reġa' uża l-istess tatika, iżda din id-darba l-esponenti waqfitlu. Minflok ma irritorna lill-Minuri għand l-Omm, kif wara kollox huwa kien obbligat li jagħmel bid-digriet tal-11 ta' Marzu 2019, li permezz tiegħu l-aċċess tiegħu kif hawn spjegat ġie stabbilit, huwa ħa lill-Minuri fl-għassa tal-Pulizija, sabiex l-Omm tiġbor lill-bintha mill-għassa.

- Sabiex l-Omm tevita dawn l-inċidenti li ma jagħmlu l-ebda ġid, partikolarment lill-minuri binthom, hija intavolat ir-rikors tagħha tal-20 ta' Novembru 2019, sabiex ikun hemm ordni ċara u inkwovika illi l-Missier għandu l-obligu li jiġbor lill-Minuri fil-bidu tal-aċċess mir-residenza tal-Omm u jirritornaha lura għand l-Omm fi tmiem l-aċċess fir-residenza tagħha.

- Ir-rikorrent għażel li ma jattendiex għal żewġ udjenzi konsekuttivi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Familja, senjatament l-udjenza ta' 23.01.2020 u dik preċedenti tat-8 ta' Novembru, 2019.

5. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Onorabbli Qorti tal-Familja fl-udejnza tat-23 ta' Jannar 2020 issospendiet l-aċċess tal-Missier għall-minuri.

6. Kien ir-rikorrenti nnifsu illi għażel li ma jkunx preżenti għal tali seduti, u għalhekk ġialadarba l-Onorabbli Qorti tal-Familja ddeċidiet li tissponedi l-aċċess tiegħu għall-minuri fid-dawl taċ-ċirkostanzi hawn fuq spjegati, ma jistax ir-rikorrent jilmenta li huwa ma kellux smigħ xieraq ġialadarba huwa għażel li ma jkunx preżenti għall-udjenza tal-Qorti. Ir-rikorrenti ma provda l-ebda ġustifikazzjoni għall-assenza tiegħu, partikolarment, meta wieħed jikkonsidra x'kien qed jiġri kull darba li huwa jeżerċita aċċess għal bintu.

7. Jiġi rilevat illi l-esponenti, biddlet ir-residenza tagħha **darbtejn biss** wara li hija telqet mid-dar matrimonjali, bl-għarfien tar-rikorrent, u dana billi fil-bidu hija bdiet tirrisjedi fir-residenza tal-ġenituri tagħha fir-Rabat, u sussegwentement, hija bdiet tirrisjedi fir-residenza tagħha fil-Baħrija. L-esponenti għadha tgħix f'din ir-residenza tal-Baħrija sal-lum. L-impressjoni li jrid jgħati r-rikorrenti li qiesu huwa ma kienx jaf fejn irrid jirritorna l-Minuri fi tmiem l-aċċess, **mhijiex leali mal-fatti** peress li l-esponenti biddlet ir-residenza tagħha darbtejn, u r-rikorrent dejjem kien informat dwar dan; biss biss kien huwa li jiġbor lill-Minuri bintu fil-bidu tal-aċċess, u għalhekk, f'nuqqas ta' ftehim xorta oħra, il-Missier għandu obbligu bħala l-persuna li qed jerżerċita aċċess sabiex jirritorna lura lil bintu fir-residenza tagħha fi tmiem l-aċċess.

8. Jiġi sottolinjat illi kienet l-esponenti stess illi informat lir-rikorrent stess permezz ta' messaġġ, propju eżatt wara li s-seduta kienet spiċċat, illi l-Onorabbli Qorti kienet issospendiet l-aċċess tiegħu għall-minuri binthom. Dan juri kemm l-esponenti dejjem għamlet minn kollox sabiex iżomm relazzjoni tajba bejn r-rikorrenti u l-minuri, minkejja d-diversi inċidenti li inqalgħu u għadhom jinqalgħu sal-lum, minħabba l-karattru abbusiv u diffiċċli tar-rikorrent.

9. Irrid jingħad ukoll illi l-esponenti wara d-digriet tal-5 ta' Marzu 2020 għamlet xhur sħaħ twassal lill-Minuri għand ir-rikorrent fil-bidu tal-aċċess u terġa' tiġbor lill-Minuri mingħandu fi tmiem l-aċċess, minkejja l-ordni ċara tal-Onor. Qorti u l-fatt li r-rikorrent ikometta fir-rikors tiegħu tat-23 ta' Jannar 2020 li huwa kien se jiġbor u jirritorna lill-minuri fil-bidu u fit-tmiem tal-aċċess, u dana sabiex tevita kemm jista' jkun li jinqalgħu inċidenti bħal meta l-minuri ittieħdet mir-rikorrenti fl-għassa tal-Pulizija jew bħal meta l-minuri ġiet ritornata ħafna wara li l-ħin tal-aċċess ikun intemm.

10. Għalkemm ir-rikorrenti qed jipprova jpenġi stampa tiegħu nnifisu bħala xi vittma tas-sistema, għandu jiġi ribadit illi l-vittmi f'dan kollu huma l-esponenti u fuq kollox il-bint minuri. Jiġi rilevat, illi l-Onorabbli Qorti tal-Familja permezz ta' digriet datat it-13 ta' April 2022, appuntat lill-*Clincal Psychologist* Dr. Veronica Ellul Federici sabiex taħdem mill-qrib mal-Minuri peress li minkejja li l-partijiet ilhom għaddejjin bil-proċeduri għall-separazzjoni personali sa mis-sena 2019 l-aċċess tal-Minuri, senjatament il-*pick ups* mir-rikorrent, għadhom ikunu dominati minn inċidenti quddiem l-istess Minuri.

***<u>L-Interess Suprem tal-Minuri</u>***

11. Dwar l-ilment tar-rikorrent li huwa ma ingħatax smigħ xieraq, li l-Onorobbli Qorti tal-Familja iddekretat *ultra petita*, u li r-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet tiegħu kif sanċit taħt l-Artikolu 8 tal-Kovenzjoni Ewropea, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Carmelo Mizzi v Mary sive Moira Mizzi** deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Familja, nhar it-30 ta' Ġunju 2015, fejn il-Qorti tenniet hekk: "Fi proċeduri ġudizzjarji li jinċidu fuq id-drittijiet ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom setgħat pjuttost wiesgħa u flessibbli sabiex iħarsu bl-aħjar mezz possibbli d-drittijiet tal-persuni taħt l-eta' maġġuri. Dan naturalment in omaġġ għall-prinċipju kardinali illi l-persuni l-aktar vulnerabbli fis-soċjeta' għandhom jirċevu l-akbar protezzjoni possibbli mill-organi kollha tal-istat." F'dik l-istanza l-Qorti kompliet hekk: "Meta si tratta ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċizzjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri."

12. Fl-imsemmija sentenza ssir referenza wkoll għall-Artikolu 149 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jtenn "B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta ta' persuna li tkun taħt l-etaċ kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel." L-imsemmi artikolu huwa simili għall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

13. Il-ġurisprudenza nostrana hija ċara u kostanti f'dak li jirrigwarda l-aħjar interess tal-minuri. Effettivament anke fil-kawża fl-ismijiet, **L-Avukat Dottor Stephen Thake nomine et vs Joseph Portelli** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1994 intqal illi f'ċerta każijiet il-Qorti tista' anke toħroġ barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet fl-att taċ-ċitazzjoni u fit-talbiet tagħhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jeħtieġu. F'sentenza aktar reċenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Maria Rosaria Micallef vs Alfred Micallef** mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2007 intqal hekk: "Prinċipju ieħor ben not fil-liġi tal-familja huwa li l-ġenituri huma obbligati li jaġixxu dejjem fl-aħjar interess ta' wliedhom. Huwa dejjem obbligu tal-Qorti li fil-provvedimenti li tagħti tipprova tikseb għal ulied ……… dak li jkun ta' l-aqwa utilita` u ta' vantaġġ għall-istess ulied. L-Artikolu 47 u 56 ta' l-istess Kodiċi jaċċennaw għal dan l-obbligu tal-Qorti - sija pure fil-kunċett tal-kura u kustodja - li l-konsiderazzjoni ewlenija tal-Qorti għandha tkun il-ġid ta' 'l ulied."

14. Anke din l-Onorabbli Qorti kif diversment preseduta fil-kawża fl-ismijiet, **Lanouar Bounab pro et noe vs Avukat Ġenerali et** dik l-Onorabbli Qorti kienet iddikjarat illi: "Ma hemmx dubju li f'ċerti każijiet fejn ikun hemm kunflitt ta' interess bejn id-drittijiet tal-ġenituri u l-interessi tat-tfal, l-interessi ta' dawn tal-aħħar għandhom jipprevalu."

15. Għalhekk u tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, l-esponenti topponi għat-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent;

16. Finalment l-esponenti topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Għaddejja kawża għal separazzjoni personali bejn il-konjuġi Zammit Toledo quddiem il-Qorti tal-Familja.

B'digriet tal-11 ta' Marzu 2019 il-missier ingħata l-aċċess għal bintu.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru, il-missier ma deherx.

F'okkażjoni minnhom l-omm irrappurtat lill-pulizija li l-missier ma ħadilhiex it-tifla lura fi tmiem il-ħin tal-aċċess u allura hu ħadha l-għassa tal-pulizija.

Minħabba dan l-inċident, l-omm ippreżentat rikors fl-20 ta' Novembru 2019 li fih allegat li l-missier ried jivvittimizza l-omm billi jieħu t-tarbija fl-għassa tal-pulizija minflok id-dar tal-omm.

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020 il-missier reġa' ma kienx preżenti. U ma kienx għadu ġie notifikat bir-rikors tal-20 ta' Novembru 2019. Il-Qorti, fl-istess seduta, irreġistrat li l-missier kien għadu mhux notifikat bir-rikors tal-attriċi; li

kien naqas li jkun preżenti kemm fis-seduta preċedenti u dik ta' dakinhar, u għalhekk issospendiet l-aċċess tal-minuri – bla ma ntalab li jsir hekk mill-omm. Dakinhar stess il-missier ippreżenta rikors b'urġenza; skuża ruħu ta' kull nuqqas li seta' kkommetta, u talab ir-revoka *contrario imperio.* Sussegwentement il-Qorti awtorizzat ir-risposta, li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Frar 2020 u laqgħet it-talba fil-5 ta' Marzu 2020.

L-ilment tar-rikorrent hu li nkisirlu d-dritt ta' smigħ xieraq (Art 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni) id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (Art. 8 tal-Konvenzjoni u Art. 32(ċ) tal-Kostituzzjoni) meta bla ma ġie notifikat il-Qorti tal-Familja ddeċidiet **b'digriet tat-23 ta' Jannar 2020** li tissospendilu l-aċċess għal bintu minorenni, liema deċiżjoni damet fis-seħħ għal sitt ġimgħat.

Fl-ewwel lok, sewwa qalet l-abbli avukat fl-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat li skont l-Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, l-Art. 32 mhuwiex wieħed minn dawk l-artikli li jagħtu dritt t'azzjoni quddiem Qorti b'setgħat kostituzzjonali.[1] Sewwa qalet ukoll li l-Art. 39(1) japplika għal proċeduri kriminali u li allura r-rikorrent messu rrefera speċifikament għall-Art. 39(2).

Tassew li l-Qorti tal-Familja ddeċidiet mingħajr ma l-missier kien innotifikat bir-rikors ta' martu, u mingħajr ma martu għamlet talba għas-sospensjoni tal-aċċess. Dan iżda m'għamlitux b'xi traskuraġni, żball, jew biex tgħaffeġ ras il-missier. Għamlitu wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ – appuntu n-nuqqas ta' notifika u l-assenza tal-missier minn żewġ seduti konsekuttivi – u fl-interess

[1] X v. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija 16.07.2019.

suprem tat-tarbija. Fejn ikunu nvoluti l-minorenni, l-interess tagħhom huwa suprem u l-Qorti tal-Familja, l-ewwel li tara hu l-interess tagħhom u mhux tal-ġenituri tagħhom.

Il-Qorti tinnota li l-attur, minkejja l-assenza tiegħu, u minkejja li rnexxielu ma jiġix notifikat bir-rikors ta' martu, mill-ewwel sar jaf – u wieġeb - għad-digriet tal-Qorti. U li wieġeb mingħajr m'ammetta li naqas. Kif ukoll li jippretendi li meta jingħata l-aċċess, ma jiġborx it-tarbija u jeħodha lura għand ommha hu sempliċiment biex ma jagħmilx sforz u jaħli ftit ħin isuq.

Il-Qorti ma tarax li l-Qorti tal-Familja żbaljat b'xi mod jew ieħor, u wisq inqas li kisret xi jedd fundamentali tal-missier jew ta' bintu. Is-sitwazzjoni ġabha l-missier b'idejh bl-assenza tiegħu mis-seduti quddiem il-Qorti: *imputet sibi.* Il-Qorti semgħatu u laqgħet it-talba tiegħu. Id-dewmien ta' sitt ġimgħat mhux xi ħaġa straordinarja, anke tenut kont li l-Qorti riedet tieħu konjizzjoni tar-risposta tal-omm. Għalhekk, il-missier messu jgħid: *mea culpa.*

Din il-Qorti tqis li din il-kawża hija waħda altament frivola u vessatorja. Kawżi bħal dawn m'għandhomx isiru. Proċeduri kostituzzjonali huma eċċezzjonali u għandhom jintużaw bil-għaqal meta tassew ikun hemm bżonnhom. Dan l-aħħar saret moda li kull min ifettillu jiftaħ kawża "kostituzzjonali", b'detriment għal kawżi li jkunu tassew meritevoli.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjeż a kariku tal-istess rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA